TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizzjoni Numru 2157

Kaz Numru 2696/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Maurice Zammit

U

Crampac Limited dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Illum 25 ta' Gunju 2012

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors datat 24 ta' Gunju 2009 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-Avukat Dr. Joanne Vella Cuschieri li bghatet dan ir-rikors ghan-nom ta' Maurice Zammit fejn gie mitlub sabiex l-istess Maurice Zammit jigi reintegrat lura f'xogholu u jithallas kumpens xieraq.

Maurice Zammit maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Joanne Vella Cuschieri u ghall-Kumpanija Crampac Limited deher Paul Agius Cutajar assistit minn Dr. Matthew Brincat.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien jahdem mal-kumpanija intimata bhala driver ghall-aktar minn ghoxrin sena. Fit-13 ta' Mejju 2009 kien xoghol bhala delivery fis-supermarket Lidl ta' Hal Luqa u ra lavrant johrog garbage bags u jitfahhom fuq il-loading bay u ftit minnhom kellhom il-patata. Saqsa lill-lavrant jekk setax johodhom u l-istess lavrant qallu iva u qabad borza patata u hadha. Kif kien ser johrog waqfu xi hadd u saqsieh x'inhuma dan il-boroz u biex jevita

inkwiet rega pogga il-boroz fejn kienu. Meta wasal fuq ix-xoghol l-imghallem kienu jafu bil-kaz u gghaluh jirrizenja.

Is-socjeta intimata fl-istqarrija taghha qalet li l-impjegat irrizenja minn rajh u r-rikorrenti inqabad jisraq borza patata.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Paul Agius Cutajar li huwa direttur tal-kumpanija intimata fejn qal li kellem lir-rikorrenti fejn spjgalu li kien ha patata fejn spjgalu l-importanza tr-relazzjoni bejn il-kumpanija tieghu u kumpanija li tqabbdu jaghmel ix-xoghol li ghandu jkun hemm fiducja shiha u mhux li jsiru dawn l-affarijiet u offirelu li jitkecca jew jirrizenja u l-istess rikorrenti accetta li jirrizenja. Dak il-hin tah ittra ta' rizenja u ffirmah.

Xehed Murray Curtis fejn spejga li rceva telefonata mill-kumpanija Lidl fejn gie infurmat illi r-rikorrenti inqabad johrog xi affarijiet mill-Lidl. Gie infurmat minn David Gatt li huwa l-country manager li ghalkemm l-affarijiet kienu ghar-rimi xorta kienu fil-propjeta ta' Lidl u jintremew xi tlett ijiem wara. Kien prezenti fil-laqgha fejn kien prezenti ir-rikorrenti fejn l-istess rikorrenti ammeta li ha l-patata pero kien ser jintrema. Wara r-rikorrenti gie mistoqsi jekk riedx jirrizenja fejn l-istess xhud ipprepara l-ittra u r-rikorrenti iffirma l-ittra.

Xehed Maurice Zammit fejn qal li kien ilu tlett snin jahdem mal-kumpanija intimata u qabel mal-Marsovin. Spjega li ra checker jhott xi affarijiet biex jarmihom u saqsieh jekk jista' jiehu xi haga minnhom u l-istess checker qalli iva fejn fil-pront ha xi patata. Ma jiftakarx x'ismu dan il-checker. Kien hemm xi hadd li deher li huwa ras kbira li dahal fit-truck tar-rikorrent fejn sablu l-patata u qallu li ser jaghmel rapport. Il-patata rega' tefaghha f'postha. Kif wasal lura ix-xoghol gie mghajjat mill-principali tieghiu fejn saqsewh x'gara u r-rikorrenti spejga dak li gara. Gie kkonfrontat b'ittra fejn inghata l-ghazla li jew jitkecca jew jirrizenja u dak il-hin accetta li jirrizenja.

Xehed Daryl Zerafa impjegat mal-Lidl ta' Hal Luqa fejn spjega li minhabba l-fatt illi xi patata wahda kellha xi tikka sewda inghata struzzjonijiet sabiex jarmi l-ixkora. Hareg sabiex jarmiha u ra lir-

rikorrenti fejn saqsieh jekk jista johodha u qallu iva. Jaf li jarmu l-affarijiet fil-garbage barra l-parking area.

Xehed Kevin Grima finance administration manager ta' Lidl f'Malta fejn qal li l-policy tal-affarijiet ghar-rimi huwa li jintremew go skips biex wara jigi tal-iskips u jarmihom. Lill-Darren Zerafa ma kienx kellmu.

Xehed David Gatt li kien jahdem mal-Lidl u spjega li ra borza tal-Lidl gewwa truck tad-delivery mhux impegat taghhom. Kienu ghadhom fuq company premises u l-kumpanija Lidl ghandha strict policy li anki jekk il-prodott huwa ghar-rimi ma' jistax jittiehed.

Rega xehed Maurice Zammit fejn gie ikkonfrontat b'riklam fuq il-gazzetta li sar fis-sena 2007 fejn qal li ma baqax jahdem.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz. Hemm l-ewwel verzjoni tar-rikorrenti fejn qal li saqsa lill-impjegat tal-kumpanija Lidl jekk jista' jiehu dik l-ixkora patata li kienet ghar-rimi u l-istess impjegat qallu iva. Hemm l-verzjoni tas-socjeta intimata illi l-fatt li r-rikorrenti ha l-ixkora ifisser li pogga r-relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg partijiet f'pregudizzju serju ghas-seta' gie kkancellat il-kuntratt. Hawn it-Tribunal irid jaghzel bejn xi haga li jista' jigi kkunsiderat de minimis ghax l-ixkora patata kienet ser tintrema ghal dik il-verzjoni anki tas-socjeta Lidl li l-xi affarijiet jergghu jitpoggew fuq is-suq ghall-biejgh u b'hekk jintilef l-isem ta' Lidl kif ukoll l-kredibilita tas-socjeta intimata li ghandha impjegat li forsi mhumiex daqshekk fidabbli. Il-fatt li l-impjegat tad-ditta Lidl qallu li jista' jiehu l-ixkora patata hija ukoll irresponsabilita pero r-rikorrenti messu kien jaf li l-ixkora patata kienet ghadha fuq il-propjeta tal-Lidl u dawn l-affarjijiet ma jistax jaghmilhom.

It-Tribunal tenut kont tac-cirkostanzi jikkonkludi illi r-rikorrent ghamel hazing meta ha l-ixkora patata kemm minhabba l-fatt li kien ghadu fuq il-propjeta tal-Lidl kif ukoll minhabba l-fatt li ghalkemm kienet ghar-rimi ma jistax jiehu affarijiet ta' kumpanija ohra u seta' jippregudika serjament ir-relazzjoni kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet.

It-Tribunal rinfaccat b'dawn il-fatti ma ghandux triq ohra hlief li jiddeciedi illi jsib lir-rikorrenti responabbli tal-agir tieghu liema agir kien hazin u irresponsabbli.

Decizzjoni

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-nota tas-sottomissjnijiet jichad it-talba tar-rikorrenti u jiddikjara li l-agir tieghu kien kontra l-Ligi u b'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment mill-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat)
Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju